MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Numru 737/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Omar Abdullah Ahmed**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Omar Abdullah Ahmed ta' 31 sena, bin Abdullah u Calduma, imwieled Sudan fl-1975, li joqghod Marsa Open Centre (Imm no 05II 019) gie akkuzat talli fit-22 ta' Awissu 2007 fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Birzebbuga:

1. sabiex jipprova jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokumenti mahsuba ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz;
2. ghamel xi dikjarazzjoni falza, jew ta xi taghrif falz, jew ipproduca xi dokument falz, ghal xi wiehed mill-ghanijiet ta' l-Att dwar il-Karti tal-Identita' (Kap 258), meta kien jaf li dan huwa falz;

Akkuzat ukoll talli fit-30 t'Awissu 2007 fil-Belt Valletta:

1. halef il-falz quddiem imhallef, magistrat jew quddiem ufficjal iehor li jkollu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament;
2. ghamel xi dikjarazzjoni falza, jew ta xi taghrif falz, jew ipproduca xi dokument falz, ghal xi wiehed mill-ghanijiet ta' l-Att dwar il-Karti tal-Identita' (Kap 258), meta kien jaf li dan huwa falz.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali bin-Nota tar-Rinviju tieghu datata 17 ta' Ottubru, 2007 (ara fol. 38 tal-Process) u nnutat li l-imputat m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni fejn l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Johann J. Fenech u Dr. Beppe Fenech Adami Avukat tal-Ghajnuna Legali tal-imputat iddikjaraw li jaqblu li fid-dawl tal-kontenut tad-deposizzjoni li taha Joseph Brincat fis-Seduta tal-24 ta' Ottubru, 2007, l-akkuzi fil-konfront tal-imputat ma jirrizultawx.

Taghmel referenza ghad-deposizzjoni tax-xhud Joseph Brincat moghtija fis-Seduta tal-24 ta' Ottubru, 2007 fejn dan ix-xhud qal: "Nghid jien nidher hawnhekk in rapprezentanza ta' l-Ufficju Elettorali. Nghid meta persuna tigi biex tapplika ghal id card dawn igibu maghhom kartuna b'ritratt black and white. Dan pero' nispecifika li

jkunu biss ghar-Refugjati. Dawna r-Regugjati japplikaw. Ahna nohdulhom ritratt Polaroid u nwahhluh mal-formola. U imbaghad nispjegawlhom li hemm Section apposta li din tibghatilhom ittra. Huwa jigu bl-ittra u imbaghad jittiehed ir-ritratt tar-refugjat bil-computer, tmur front office u mbaghad tinhareg l-id card. Rigwardanti dan il-kaz kien hemm problema fis-sens illi l-imputat Omar Abdullah Ahmed kienu tawh ittra ta; persuna ohra li jismu ezatt bhal imputat bid-differenza, b; differenza li dan kien jismu Omar Abdalla Ahmed.

L-imputat kien gie allura bl-ittra li kienet definittivament zbaljata. Din kellha l-id number 35750A. Ahna tajnih l-id card b'dak in-number. Pero' ahna ma ndunajniex mill-Ufficju li kien hemm differenza bejn Abdalla ghal Abdullah. Allura imbaghad l-imputat telaq. Xahar wara kien gie propja Omar Abdalla Ahmed u qalilna li ma kienx ircieva l-ittra. U allura l-ufficju taghna kienu ha jaghmlulu wahda manwali u din tintbaghat lilu. Effettivament li gara kien li dik l-ittra kienet inghatat lill-imputat. Imbaghad Omar Adballa Ahmed ircieva l-ittra Manwali u gie ghal id card.

Ahna imbaghad lil dana Omar Abdalla Ahmed tajnih l-id card propja tieghu, bin-numru tajjeb u cioe' 35750A. B'hekk allura gara li hargu zewg id cards bl-istess numru. Wahda inghatat lil imputat u l-ohra inghatat lil Omar Abdalla Ahmed li dan suppost effettivament kellha tinghata lilu. Meta imbaghad l-imputat kien gie u kien qalilna li kien tilifha taw l-isem fil-kompjuter beix jaraw in-number x'hinu u l-computer bhala numru ta' id card taha 35864A li huwa propja ta; l-imputat. Huwa mar jiehu ritratt u fuq il-computer hareg no image. U ghaldaqstant il-fotografu taghna qal kif seta' dan tilef id card meta fil-computer hareg no image. U ghaldaqstant ahna nfurmajna lil Pulizija. Nghid ghaldaqstant niddikjara illi l-imputat kien korett fl-informazzjoni li kien taha lid-dipartiment taghna li kien tilef l-id card.

Qed nesebixxi bhala dok JBA 1 u din hija l-formola propja ta' l-imputat ghal hrug ta' l-id card. Qieghed nesebixxi bhala dok JBA 2 kopja ta' l-applikazzjoni ta' Omar Abdallah Ahmed. B'referenza ghal dok JBA 2 qed nigi

mistoqsi mill-prosekuzzjoni il-ghala hawn ir-ritratt ta' zewg persuni fosthom ta' l-imputat nispjega ghaliex hemm ir-ritratt ta' l-imputat fuq dina d-dokumentazzjoni fuq il-persuna l-ohra Abdalla nghid il-ghaliex din hija r-ritratt illi originarjament kien inhareg fuq l-ewwel id card li kellu l-imputat. U imbaghad it-tieni ritratt huwa ritratt li hareg fuq l-id card li hareg Abdalla. Ghaldaqstant jiena nixtieq niddikjara illi d-dikjarazzjoni li kien ghamel l-imputat li kien tilef l-id card mad-Dipartiment taghna u cioe' mad-Dipartiment Elettorali kienet dikjarazzjoni vera u ma kinitx dikjarazzjoni falza. U nghid illi ghaldaqstant ukoll id-dikjarazzjoni li kien ghamel mal-Pulizija li huwa kien tilef l-d card anke dik id-dikjarazzjoni ma kenitx wahda falza imma kienet wahda vera."

Fid-dawl tas-suespost ma ssibx lill-imputat Omar Abdullah Ahmed hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu stante li dawn l-akkuzi ma' jirrizultawx u ghaldaqstant tillibera lill-imsemmi imputat Omar Abdullah Ahmed mill-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------